

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Każ COMP/M.5989 – HC/Naturgas)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 287/08)

1. Fil-15 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha Hidroeléctrica Del Cantábrico, SA ("HC", Spanja), li hija kkontrollata minn EDP-Energias De Portugal, SA ("EDP", il-Portugall), takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Naturgas Energía Grupo SA ("Naturgas", Spanja) permezz tax-xiri ta' ishma. Bħalissa Naturgas hija kkontrollata b'mod konġunt minn HX u mill-Ente Vasco de la Energía ("EVE", Spanja).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal HC: il-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-forniment tal-enerġija elettrika u l-enerġija rinnovabbli fi Spanja,
- għal Naturgas: it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-gass u l-forniment tal-gass u tal-enerġija elettrika fi Spanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet<sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5989 – HC/Naturgas, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").